MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 623/2013

**Michael Bonnici [ID 0255262M]**

**Vs**

**Jason GHIGO [ID 0548087M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-1 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' sitt mija u tletin euro [€630] u dan wara li ppremetta hekk:

"Jiena kont sellift lil Jason Ghigo s-somma ta' 600 ewro bil-kundizzjoni li jerga jghatini il-flus lura fiz-zmien tlett xhur. Dan ma żammx kellmtu u bdejt ninsisti mieghu biex jaghtini il-flus. Hu dejjem kien jghid li m'ghandux flus ghalkemm hu jahdem. Ghalkemm ahna kellna karta bil-miktub bejnietna, f'Novembru ta' 2011, hu kien issuġġerixxa li mmorru ghand in-nutar u naghmlu kuntratt. Dan il-kuntratt sar ghand Dr Ritienne Bugeja Fenech fejn jghid li jrid rrodd il-flus lura li selliftu fi żmien sitt xhur

minghajr interessi, b'pagamenti ta' 100 ewro fix-xahar, bl-ewwel pagament issir fi 30 ta' Novembru 2011. F'kaz li ma jroddx il-flus fi żmien stipulat jibda jehel interessi bi 8%".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-12 ta' Ottubru, 2013 u li minkejja li ghadda t-terminu preskritt mill-ligi ghal preżentata tar-risposta baqa ma ressaq l-ebda risposta. Lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum.

Ra l-verbal tal-lum stess fejn ir-rikorrenti talab lit-Tribunal jaghti s-sentenza llum stess peress li l-intimat ilu li rċieva l-karti mill-Qorti u baqa ma kellmux u lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum. It-Tribunal laqa' din it-talba tar-rikorrenti.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Michael Bonnici.

L-intimat imsejjah diversi drabi baqa ma deherx.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' sitt mija u tletin euro [€630] rapprezentanti din is-somma self brevi manu maghmul mir-rikorrenti lill-intimat.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti qal li huwa kien sellef is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) lil intimat biex jaghmillu pjacir u dan peress li iben ir-rikorrenti kien qallu li l-intimat kellu sitt mitt ewro (€600) li kienu ta' haddiehor u li kien tilifhom. Ir-rikorrenti kompla qal li ibnu qallu li din il-persuna l-ohra kienet ser taghmel xi proceduri kontra l-intimat u r-rikorrenti meta semgha dan thassru u qallu li kien ser jisilfu l-flus bl-intendiment car li l-intimat kellu jaghtih lura dawn il-flus fi zmien tlett (3) xhur. Sussegwentement,

kompla jghid ir-rikorrenti, fis-sbatax (17) ta’ Mejju elfejn u hdax (2011) hu u l-intimat ghamlu karta bejniethom biex jigi formalizzat il-fatt li huwa kien selfu dawn il-flejjes bil-kundizzjoni li semma. Peress li l-intimat baqa ma hallsu xejn, fit-tmintax (18) ta’ Novembru, elfejn u hdax (2011) marru ghand in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech u ffirmaw skrittura privata bejniethom fejn l-intimat obbliga ruhu li jhallas lir-rikorrenti dawn il-flus.

Ir-rikorrenti qal li skont ma jirrizulta minn din l-iskrittura privata l-intimat Jason Ghigo kien intrabat li huwa jaghtih s-somma ta’ sitt mija u tletin ewro (€630) li huwa kien silfu u li l-pagamenti kellhom ikunu ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar bl-ewwel pagament kellu jithallas lir-rikorrenti fit-tletin (30) ta’ Novembru elfejn u hdax (2011). Ir-rikorrenti zied ighid li jekk l-intimat ma kienx ser ihallsu fi zmien sitt xhur mid-data ta’ l-iskrittura allura kellhom jibdew jghaddu l-imghaxijiet ta’ tmienja fil-mija (8%) fuq dan l-ammont.

Ir-rikorrenti stqarr li sallum l-intimat kien ghadu ma hallasx l-ammont kollu minnu dovut.

Ghar-rigward tal-fatt li r-rikorrenti qieghed jitlob s-somma ta’ sitt mija u tletin euro u mhux sitt mitt euro, ir-rikorrenti qal li huwa kien hallas lin-Nutar s-somma ta’ tletin ewro ghal din l-iskrittura.

Finalment ir-rikorrenti qal li l-intimat kien hallsu s-somma ta’ mitejn u tletin euro (€230). Dawn thallsu hekk:

i. €170 thallsu f’Mejju tal-elfejn u tnax (2012);
ii. €50 thallsu fl-ewwel (01) ta’ Gunju, elfejn u tnax (2012);
iii. €10 thallsu f’Awwissu tal-elfejn u tnax (2012).

B’hekk fadal bilanc ta’ erba’ mitt euro u huwa dan l-ammont flimkien ma l-imghaxijiet li jibdew jiddekorru minn sitt (6) xhur wara t-tletin (30) ta’ Novembru, elfejn u hdax (2011) li r-rikorrenti ried jigbor minghand l-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat fit-12 ta' Ottubru, 2013 u baqa ma ntavola l-ebda risposta fit-terminu ta' tmintax (18)-il ġurnata li tipprovdi l-ligi u lanqas deher llum quddiem it-Tribunal biex jispjega l-posizzjoni tieghu.

6. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova da parti ta' l-intimat li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti fl-ammont ridott ta’ erba’ mitt euro (€400) u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ erba’ mitt euro [€400] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-dsatax (19) ta’ Mejju, tas-sena elfejn u tnax (2012).

L-ispejjez huma kollha a kariku ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------